# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju, 2001**

**Numru 28**

**Cit. Nru. 498/01 GCD**

**Rimus Trading Agency Limited**

**Vs**

**Supermaster Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' dsatax-il elf tmien mija wiehed u tmenin lira (Lm19,881) rapprezentanti l-prezz ta' prodotti ta' l-ikel lilha mibjugha u lilha konsenjat;

Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta giet interpellata kemm-il darba sabiex tersaq ghall-hlas hija baqghet inadempjenti; u

Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba ghall-hlas;

Talbet illi din il-Qorti, dispensat is-smigh tal-kawza a termini ta' l-artikolu 167 et. seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' dsatax-il elf tmien mija wiehed u tmenin lira (Lm19,881) rapprezentanti l-prezz ta' prodotti ta' l-ikel lilha mibjugha u lilha konsenjati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numerat 861/01 NS, u bl-imghax kummercjali, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Joseph Vella u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-

kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm